# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum 18 ta' Ġunju, 2020**

Appell numru 77 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Anthony Mc KAY**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-14 ta' Frar 2018 fil-konfront ta' Anthony Mc KAY, karta tal-identità bin-numru 267270M li ġie:

   Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar is-17 ta' Mejju, 2010 u wara din id-data:

   1. B'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama je biża' dwar xi grajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, liema ammont ta' ħsara jeċċedi l-mitejn

u tnejn u tletin Eweo w erbgħa w disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux aktar minn elfej tlett mija u digħa w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċentemu (€2329.37), għad-dannu tas-soċjeta' Middlesea Insurance Plc u/jew ta' xi entita jew entitajiet oħra;

Akkużat ukoll talli nhar is-16 t'Awwissu, 2010, f'xi ħin bejn is-1.45pm u l-5pm, fi Triq Nazju Ellul, Gzira:

2. Volontarjament, ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe' karozza Volkswagen Polo, numru tar-reġistrazzjoni CBT 689, liema ħsara ma tiskorrix l-elf mija w erbgħa w sittin Ewro u disgħa w sittin ċenteżmu (€1164.69), imma iżked min mija w sittax il-Ewro u sebgħa w ebgħin ċenteżmu (€116.47) ai termini tal-Aritkolu 325 (1) (b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ħsara saret għad-dannu ta' Lucienne Cini u/jew ta' xi persuna/i oħra jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra.

3. Talli kkometta l-istess reati, punibbli bi priġunerija, fit-terminu operativ ta' sentenza sospiża, ai termini tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta imposta fuqu b'sentenza definittiva mill-Qrati tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Lawrence Quintano LL.D.), nhar il-4 t' Ottubru 2007;

4. Fl-aħħarnett, nakkużah ukoll talli rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li huwa ġa ġie misjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jinbiddlu.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, rat l-Artikoli 49, 308 u 310(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li sabet lill-imputat mhux ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u minnha illiberatu, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha miġjuba fil-konfront tiegħu b'dan li nkwantu għall-addebitu tar-reċidivia mhux qiegħed jinstab ħati fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u inkwantu għall-ewwel imputazzjoni u għall-addebitu tar-rċedivita bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu

446 tal-Liġijiet ta' Malta poġġiet lill-imputat taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien tlett (3) snin skont id-digriet mogħti kontetstwalment li jifforma parti integrali minn dik is-sentenza. Inoltre, kwantu għat-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti trattat mal-ħati dwar is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti, presjeduta mill-Maġistrat Lawrence Quintano fl-4 t'Ottubru 2007, permezz ta' liema sentenza huwa ġie kkundannat għal piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin, billi ordnat illi l-perjodu operattiv ta' erba' snin jerġa' jibda jiddekkorri mill-ġdid minn dakinhar tas-sentenza. Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta poġġiet lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin għal għajnuna psikjatrika u psikoloġika u biex ikompli jaħdem sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga. Il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u ordnat notifika tas-sentenza lid-Direttur tal-Uffiċċju tal-Probation u Parole.

3. Illi minn din is-sentenza Anthony Mc KAY interpona appell permezz ta' rikors datat l-1 ta' Marzu, 2018 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha tvarja s-sentenza appellata billi:

> Filwaqt li tikkonferma s-sentenza fil-parti tagħha fejn iddikjarat lill-appellanti mhux tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u minnha illiberatu, u ddikjarat ukoll li l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali ma jirriżultax; tirrevoka is-sentenza appellata f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni tal-frodi għad-dannu tal-Middlesea Insurance plc u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra, u tirrevokaha ukoll f'dik il-parti fejn sabitu ħati tat-tielet imputazzjoni dwar kommissjoni ta' reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża, u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħhom u tilliberah minn kull ħtija u piena.

4. Dan wara li saħaq is-segwenti: -

   i. Il-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament żbaljat tal-provi in kwantu mill-provi prodotti ma kienx hemm riżultanzi li jwaslu għal livell ta' suffiċjenza probatorja fi proċedimenti penali. F'dan il-każ kien hemm diversi suspetti li ġew murija; iżda suspetti ma jikkostitwux prova. Biex dan ir-reat jiġi pruvat kien jeħtieġ lill-Prosekuzzjoni mhux biss tipprova li l-appellant mar jagħmel il-claim mal-assikurazzjoni, iżda wkoll li meta huwa mar jirraporta t-telfien tal-ġiżirana tad-deheb huwa kien jaf li fil-fatt dik il-ġiżirana tad-deheb mhux veru kienet ġiet mitlufa. L-uniku xhud li xehed kontra l-appellant kien El Sisi li kif intwera kien xhud mhux kredibbli għall-aħħar. Il-Qorti tal-Maġistrati ma kienetx emnet lil dan ix-xhud fir-rigward tat-tielet imputazzjoni u b'hekk in-nuqqas ta' kredibbilita' tiegħu kellha wkoll tiġi riflessa fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni. Inoltre x-xiehda ta' Fr. Martin Schembri li rċieva din il-ġiżirana tad-deheb fis-sigriet tal-qrar ma jispeċifikax mingħand min u meta kien irċieva din il-ġiżirana. Apparti dan, il-fatt li wara li l-appellant kien irċieva din il-ġiżirana mingħand Fr. Schembri ma kienx informa lill-assikurazzjoni ma jfissirx li huwa kien ikkommetta frodi fl-ewwel lok.
   ii. Inoltre jekk l-appellant kellu jiġi dikjarat mhux ħati fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, huwa kien ukoll destinat li jiġi liberat mit-tielet u r-raba' imputazzjonijiet in kwantu dawn kienu dipendent fuq sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi nhar l-24 ta' Jannar 2014, Patrick Muscat, *Claims Manager* tas-Soċjeta Assikuratriċi *Middlesea Insurance plc* kien safa' vittma ta'

ħruq tal-bieb komuni tal-blokk ta' apartamenti fejn kien jabita. Minn aktar stħarriġ li sar kien irriżulta illi hu kien safa' vittma wkoll ta' atti oħra vandali. Muscat kien allega li kellu suspett fl-appellant u dan b'rabta ma xi kwistjonijiet li kellu miegħu in konnessjoni max-xogħol tiegħu - partikolarment fir-rigward ta' *claim* li l-appellant kien għamel fis-17 ta' Mejju 2010. L-appellant kien allega li kien tilef ġizirana ta' valur konsiderevoli filwaqt li kien qiegħed il-grawnd tal-futbol ta' Ta' Qali. *Middlesea Insurance plc* ma kienetx aċċettat li tonora dan il-*claim* kemm minħabba li meta għamel l-istess *claim*, l-appellant ma kienx tahom id-dettalji kollha. Huwa naqas li jinfurmahom bil-passat kriminali tiegħu. Apparti minn hekk dik l-Assikurazzjoni kienet irċeviet informazzjoni li dak allegat mill-appellant seta' ma kienx minnu, u b'hekk il-*claim* setgħa sar bit-tir li l-appellant jieħu l-flus mis-soċjeta in kwistjoni.

6. Apparti dan kienu wkoll inqalgħu xi diffikultajiet oħra, inkluż li saru atti vandali fil-konfront tal-karozza ta' Lucienne Cini, impjegata tas-soċjeta *Middlesea Insurance plc* u li kienet ukoll ħadet ħsieb il-*claim* tal-appellant fir-rigward tal-ġiżirana. F'dan l-isfond, dil-kumpanija assikuratriċi iddeċidiet li tagħmel pagament *ex gratia* t'elfejn euro (€2000) a saldu tal-pendenza kif ukoll temmet ir-relazzjoni assikuratriċi mal-appellant.

7. Fis-6 ta' Novembru 2010 l-appellant kien għamel kwerela kontra El Saed Abdel Salim El Sisi, minħabba li dan kien allegatament heddu li kien sejjer jirrapurtaħ lill-*Middlesea Insurance plc* fis-sens illi kien għamel rapport falz meta l-appellant kien irraporta it-telf taċ-*choker*.

Il-Pulizija indagaw dwar dan ir-rapport tal-appellant u magħhom El Sisi saħaq li l-appellant kien qallu li kien għamel rapport falz dwar it-telfien tal-ġiżirana u dan bit-tir sabiex jieħu l-flus mill-assikurazzjoni. In oltre skond El Sisi, l-appellant kien anki ftaħar dwar il-ħsarat li ġew ikkaġunati fuq il-vettura ta' Lucienne Cini, liema ħsarat saru għaliex, skond l-appellant, il-*Middlesea* kienu qegħdin joħolqulu l-problemi biex jissetiljaw il-*claim*. Il-fatt li Lucienne Cini kienet issubiet ħsara fil-vettura tagħha ġie wkoll konfermat mir-rapport li kienet għamlet Cini mal-Pulizija.

8. Sussegwentement, f'Novembru 2010, l-ispettur Spiridione Zammit kien bagħat għall-appellant biex ikellmu dwar dawn l-allegazzjonijiet fejn kienet ittieħditlu stqarrija li pero ġiet sfilzata mill-Qorti tal-Maġistrati.

9. Xi xahrejn wara dan, u ċioe fil-5 ta' Frar 2011, Fr. Martin Schembri kien għadda ċ-*choker* allegatament mitlufa mill-appellant lill-appellant stess wara li Fr. Schembri kien irċieva l-istess *choker* matul is-sigriet tal-Qrar minn terza persuna li baqgħet mhux magħrufa jew identifikata.

10. L-appellant kien ammetta illi l-ġizirana kien żammha hu wara rċeviha mingħand Fr. Schembri – għalkemm ma kienx informa lill-assikurazzjoni dwar dan l-isvilupp. Biss irriżulta li l-appellant kien irraporta lill-Pulizija li din il-ġiżirana kienet ġiet ritornata lura lilu fil-5 ta' Frar 2011, kif jirriżulta mill-NPS a fol 55 u x-xiehda ta' WPC19. Aktar tard meta konfrontat bil-fatt li kien irċieva lura l-ġiżirana u ma kienx informa lill-assikurazzjoni l-appellant kien

wiegħed li kien ser iħallas l-elfejn euro (€2000) lura lill-Assikurazzjoni.

***Ikkunsidrat : -***

11. Illi bħala Qorti tal-appell kriminali din hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tbiddelx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

12. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

13. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

14. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet ta' dik is-sentenza mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha.

15. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew

dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

16. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti. Dan ġie ukoll ikkonfermat minn ġurisprudenza kopjuża nostrana fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[4]

17. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

18. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

19. L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta li taqra l-imħuħ tax-xhieda biex tifhem xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom. Il-Qorti trid tistrieħ fuq il-provi diretti u indiretti li jkunu nġiebu quddiemha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha in bażi għalihom biss.

---

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

20. L-evidenza indiretta, ċjoe dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvija lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

21. Il-Liġi penali **<u>ma teħtieġx</u>** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

22. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Jiġifieri huwa legalment

korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

23. Biss din il-konklużjoni l-Qorti tista' tasal għaliha biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, b'mod li fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti tikkonkludi li tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni.

24. Fil-ġurisdizzjoni Maltija sabiex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat il-grad ta' suffiċjenza probatorja meħtieġ huwa dak *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ; li filwaqt li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, mill-banda l-oħra huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid***,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

25. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

26. Illi din it-tifsira insibuha fil-ġurisprudenza Maltija għal għexieren ta' snin. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

27. Huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma

jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

28. Illi l-partijiet fi proċeduri penali, il-Prosekuzzjoni *in primis*, u li għandha d-dmir li tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, trid tosservanza dik li hija magħrufa bħala l-*best evidence rule*, l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

29. In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

> Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[10]

30. Kwindi minbarra r-regola li huwa meħtieġ li tiġi prodotta l-aħjar prova, jekk f'każ partikolari jkun hemm evidenza li tkun ċirkostanzjali, indiretta jew indizzjarji, huwa essenzjali li tali provi indizzjarji jkunu b'saħħithom biżżejjed kif ukoll li jkunu jippuntaw f'direzzjoni waħda u ċioe' lejn il-ħtija tal-imputat u ħadd iktar floku. Jekk mill-banda l-oħra l-provi indizzjarji ma jkunux univoċi, ma jkunux jistgħu jagħmlu prova in sostenn tal-ħtija tal-imputat.

31. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-*hearsay* u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. Dan peress li parti mix-xiehda prodotti f'dan il-każ jistrieħu esklussivament fuq dak li qalulhom il-protagonisti f'dan il-każ.

32. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-*hearsay evidence,* u reżi applikabbli fi

[10] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.
>
> (3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.
>
> **599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

33. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet : ***Il-Pulizija vs Janis Caruana*** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-*hearsay evidence* kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

> 21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
>
> > '599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'
>
> 22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:

'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law ruel against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

34. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi*** ġie deċiż is-segwenti : -

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan ilkliem:

> 'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

> Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

35. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella,***

deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-*hearsay evidence* ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar -

> Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

36. Illi hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lil uħud mix-xiehda jixhdu quddiemha ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. Għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati għax tkun rat, semgħet u għexet il-proċess quddiemha. B'hekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati huwa eżerċizzju importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu u dan ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

37. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet il-provi kollha jew *in parte* direttament hi, xorta waħda l-

Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati u mbagħad tħalli f'idejn din il-Qorti, bħala qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss din il-Qorti, kif intqal ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq.

38. Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination". Ghalhekk, kontra l-imputat hemm oltre dak ti sejjer jinghad, dawn iż-żewġ xhidiet li ma gewx bl-ebda mod żvalorizzati, u li jassodaw pjenament l-imputazzjoni;

***Ikkunsidrat : -***

39. Illi l-appellant ġie mixli bir-reat ta' truffa ai termini tal-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali. Dak iż-żmien ta' meta allegatament seħħ ir-reat, dan l-artikolu kien jaqra kif ġej:

> 308. Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qligħ bi ħsara ta'

> ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa' sentejn.

40. Illi skond il-ġurisprudenza Maltija, sabiex jissusisti r-reat ta' frodi, jew truffa, hemm bżonn li jikkonkorru s-segwenti elementi:

> Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti.[11]

41. In oltre fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Aaron Mizzi***, din il-Qorti kif diversament ippreseduta rriteniet is-segwenti:

> Skond l-artiklu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jissussisti r-reat ta' frodi jew truffa, jehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi: (i) in-ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat, (ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri, (iii) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tat-truffar u (iv) l-element ta' dannu patrimonjali. Min-naha l-ohra, fir-rigward tar-reat ta' frodi nnominata kkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, semplici gidba hija bizzejjed biex twassal ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat u l-messa in scena mhiex necessarja. Madanakollu, il-gidba trid tkun tali li twassal ghat-telf patrimonjali tal-vittma hekk kif rikjest mil-ligi.[12]

***Ikkunsidrat : -***

42. Illi l-appellant jisħaq illi l-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex provi biżżejjed sodi biex issib lill-appellant ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, u konsegwentement lanqas ma seta' jinstab ħati tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni kontra tiegħu u li huma konsegwenzjali għas-sejbien ta' ħtija tiegħu. Huwa tal-fehma illi

---

[11] ***Il-Pulizija vs. Maiga Abdoul Moumine Abdoulaye***, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-14 ta' Diċembru 2017.
[12] Deċiża mill-Imħallef Michael Mallia nhar il-15 ta' Jannar 2015.

dik il-Qorti bbażat ruħha biss fuq suspetti u mhux fuq provi. In oltre ma ġiex pruvat li l-komportament tal-appellant, kif riferut mill-Qorti fis-sentenza tagħha, neċessarjament jindika jew jipprova aġir frawdolenti. Ma ġietx ippruvata l-*mens rea* meħtieġa biex tkun tista' tiġi msawra r-responsabbilta' kriminali. Inoltre l-appellant jinsisti li l-istqarrijiet li ttieħdulu fis-sena 2014 b'rabta ma dawn ir-reati u li jiffurmaw parti mill-atti proċesswali, m'għandiex issir referenza għalihom u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti konċernanti l-legalita' tagħhom.

***Ikkunsidrat : -***

43. Illi fir-rigward ta' dawn l-istqarrijiet issir referenza għall-ġurisprudenza aktar reċenti dwar din il-materja, b'mod partikolari ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martino Aiello*** deċiża fis-27 ta' Marzu 2020 mill-Qorti Kostituzzjonali, li ċċitat u ħadnet ukoll dak imsemmi fis-sentenza ***Beuze vs. Belgium*** (para 120 – 130).[13] F'din is-sentenza ***Beuze*** tal-Qorti Ewropea fi Strasburgu iddikjarat illi l-obbligu tal-assitenza legali tapplika mill-mument meta persuna tkun '*charged with a criminal offence*' u dan skond it-tifsira indikata fl-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropea (para 129).[14] Madankollu skond l-istess sentenza dik il-Qorti stabbiliet illi:-

---

[13] Deċiża nhar id-9 ta' Novembru 2018 mill-Qorti Ewropeja għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, applikazzjoni no. 71409/10.

[14]Artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja jaqra hekk :

> Everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights:
> (a) to be informed promptly, in a language which he understands and in detail, of the nature and cause of the accusation against him;
> (b) to have adequate time and the facilities for the preparation of his defence;

> In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).

44. Jiġifieri l-esklużjoni tad-dritt tal-assistenza legali ma tfissirx awtomatikament illi l-proċedura adoperata tkun ritenibbli inamissibbli jew illi d-drittijiet fundamentali ta' dak li jkun ikunu ġew awtomatikament leżi. Biex jiġi deċiż jekk u safejn dawn il-jeddijiet ta' smiegħ xieraq ikunu ġew mittiefsa wieħed irid iħares lejn il-proċedura imħadma b'mod globali u sħiħ u jara jekk din kienetx waħda ġusta.

45. In oltre skond l-istess sentenza ingħad illi apparti ċertu istanzi indikati fejn il-presenza attiva u mhux astratta tal-avukat tkun meħtieġa : -

> the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the

(c) to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require;
(d) to examine or have examined witnesses against him and to obtain the attendance and examination of witnesses on his behalf under the same conditions as witnesses against him;
(e) to have the free assistance of an interpreter if he cannot understand or speak the language used in court.

conditions of detention (see Hovanesian v. Bulgaria, no. 31814/03, § 34, 21 December 2010; Simons, cited above, § 30; A.T. v. Luxembourg, cited above, § 64; Adamkiewicz, cited above, § 84; and Dvorski, cited above, §§ 78 and 108)'.

46.Infatti din is-sentenza tagħmel referenza wkoll għal dak li rriżulta mill-każ ta' ***Salduz vs Turkey*** fejn irrispettivament mill-linji gwida mogħtija minnha, sostniet illi l-Qorti Ewropeja sussegwentement għal din is-sentenza, ħadet approċċ inqas assolutista għall-effetti ta' dan in-nuqqas tal-assistenza legali : *and has conducted an examination of the overall fairness of the proceedings, sometimes in summary form and sometimes in greater deal'.*

47.Inoltre sabiex dan jiġi stabbilit, il-Qorti rriteniet is-segwenti:

150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):
(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;
(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;
(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;
(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;
(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;
(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;
(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence

upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;
(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;
(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and
(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.

48. L-istess prinċiplji ġew applikati f'sentenza oħra tal-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet ***Farrugia vs. Malta*** fejn in bażi għal dawn il-prinċipji dik il-Qorti kkonkludiet illi :

> while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.[15]

49. Illi f'dan il-każ jirriżulta li l-kontenut tal-istqarrijiet kollha li ttieħdu mill-appellant fis-sena 2014, fejn allura l-appellant ingħata d-dritt għall-aċċess għall-avukat – għalkemm mhux waqt l-interrogazzjoni - u l-appellant **irrifjuta** li jkun assistit legalment. L-appellant jirriżulta li għandu fedina penali li tindika li hu ġieli xellef dufrejgħ mal-Ġustizzja u tressaq il-Qorti diversi drabi. Huwa jirriżulta li kien ukoll ġie misjub ħati diversi drabi t'offiżi kriminali minn dawn il-Qrati. L-appellant ma kienx t'eta tenera ma ġie interrogat in konnessjoni ma dan il-każ. Ma jirriżultax li l-appellant kien f'xi posizzjoni partikolarment vulnerabbli meta huwa ġie mitkellem mill-Pulizija. Meta ġie biex jiġi mitkellem mill-Pulizija huwa mhux

[15] Farrugia vs Malta, deċiża nhar l-4.6.2019 mill-Qorti Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, Applikazzjoni no. 63041/13.

biss ġie mogħti l-jedd li jikkomunika mal-avukat tal-fiduċja tiegħu qabel jiġi mitkellem – skont il-Liġi viġenti dak iż-żmien – iżda wkoll ġie mwissi bid-dritt tiegħu li jibqa' sieket iżda li dak li jgħid jitniżżel bil-miktub u li jinġieb bi prova.

50. Ma jirriżultax li f'dan il-każ l-Pulizija akkwistaw evidenza kontra l-Liġi u t-teħid ta' dawn l-istqarrijiet sar regolarment skont il-Liġi viġenti f'dak iż-żmien. Di piu' ma jirriżultax li l-appellant qajjem, *in limine litis*, xi lment dwar il-mod ta' kif tali stqarrijiet ġew meħuda mill-Pulizija jew xi irregolaritajiet jew abbużi minnhom matul it-teħid tal-istess. Mill-kontenut tal-istqarrijiet kollha ma hemmx informazzjoni li fiha nnifisha setgħet twassal għall-inkriminazzjoni tiegħu u dan peress illi hu ċaħad kollox u sostna illi l-allegazzjonijiet li saru kontra tiegħu, kemm minn Patrick Muscat kif ukoll minn El Sisi huma infondati jew gidba. Mill-banda l-oħra bl-ebda mod ma jista' jingħad li dawn l-istqarrijiet setgħu kien il-bażi unika jew prinċipali li fuqha l-appellant setgħa ġie misjub ħati mill-Qorti tal-Maġistrati. Kwindi, din il-Qorti mhix tal-fehma li hemm bażi legali għaliex dawn l-istqarrijiet għandhom jitqiesu inammissibbli.

51. L-appellant jirreferi għas-sentenza tal-Qrati Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Graziella Attard vs. L-Avukat Ġenerali***[16] fejn dik il-Qorti ċaħdet l-appell tal-Avukat Ġenerali wara li rriteniet li anki jekk ma jirriżultax ksur tad-drittijiet ta' smiegħ xieraq fid-dawl tal-linji gwida ta' ***Farrugia vs Malta***, bħala salvagwardja ma kienx ikun

[16] Deċiża fis-27 ta' Settembru 2019.

għaqli li (partikolarment fid-dawl tal-inkonsistenzi fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja li kien joħloq element ta' imprevedibbilita' – kif kienu jirriżultaw il-posizzjonijiet konfliġġenti bejn il-każ ***Borg*** u l-każ ***Beuze***) l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija mogħtija minn Attard lill-Pulizija minħabba li fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehemha fir-reat. Iżda f'dan il-każ l-akkużata ma kienetx ingħatat l-opportunita li titkellem ma avukat qabel ma bdiet l-interrogazzjoni mill-Pulizija.

52. Biss ix-xenarju fir-rigward tal-każ appellat huwa kemxejn differenti in kwantu l-appellant kien ingħata aċċess għall-avukat iżda hu **għażel li jirrifjutah** – għalkemm ma ġiex ipprovdut bil-fakolta li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjonijiet tiegħu peress illi l-Liġi dak iż-żmien ma kinitx tipprovdi għal dik il-fakolta.

53. Apparti minn hekk, kif intqal il-fuq, il-kontenut tal-istqarrijiet f'dawn il-proċeduri ftit li xejn iservu sabiex jitfgħu pern fuq il-ħtija o meno tal-appellant. Il-Qorti tal-Maġistrati sawret is-sejbien ta' ħtija fuq il-kumplament tal-provi prodotti aktar milli l-istqarrijiet tal-appellant li, fl-isfond tal-każ kollu kemm hu jassumu importanza minuri.

54. B'hekk f'dan il-każ il-Qorti ma tqisx li dawn l-istqarrijiet kellhom jiġu skartati.

*Ikkunsidrat : -*

55. Illi l-Qorti tal-Maġistrati straħet prinċipalment fuq ix-xiehda tal-Uffiċjali tal-Pulizija dwar l-investigazzjonijiet li għamlu, kif ukoll fuq ix-xiehda ta' Patrick Muscat u Lucienne Cini. Dawn ikkonfermaw illi l-appellant kien klijent tal-*Middlesea Insurance plc* u li kien għamel il-*claim* dwar allegat telf ta' ġizirana li kienet tiswa qrib is-sebat elef Euro. Wara diversi kwistjonijiet, l-appellant kien ingħata pagament *ex gratia* minn din l-Assikurazzjoni fl-ammont t'elfejn euro (€2000), peress illi allavolja ma kienux ikkunsidraw favorevolment il-*claim* tiegħu, huma kienu ħadu d-deċiżjoni li jaqtgħuha hemm biex jevitaw aktar kwistjonijiet mal-appellant.

56. Il-Qorti tal-Maġistrati irreferiet ukoll għall-fatt li l-appellant kien għamel ir-rapport mal-Pulizija fil-konfront ta' El Sisi madwar ħames xhur **wara** li l-appellant kien irraporta t-telfien tal-ġizirana. Jirriżulta li fis-6 ta' Novembru 2010 jew qabel dik id-data kien seħħ xi inċident bejn l-appellant u El Sisi, li baqa' mhux daqstant ċar x'kien, li wassal lill-appellant biex imur jagħmel ir-rapport kontra El Sisi fis-6 ta' Novembru 2010. L-Ispettur Spiridione Zammit (a fol 59) u PS100 Terence Azzopardi (a fol 118) jgħidu li l-appellant kien mar jagħmel ir-rapport lill-Pulizija dwar l-allegat rapport falz li kien ġie mhedded bih minn El Sisi fis-6 ta' Novembru 2010.

57. Mill-PIRS li jinsab f'fol 76 jirriżulta li fis-6 ta' Novembru 2010 l-appellant irraporta li El Sisi kien heddu li kien ser imur jikxfu mal-assikurazzjoni dwar il-fatt li kien gidbilhom dwar il-ġiżirana biex

jieħu l-flus mingħandhom, fejn allegatament kien heddu li ser jaħraqlu l-vann tiegħu jew iqabbad lil ħaddieħor jagħmel hekk. Mix-xiehda tal-Ispettur Spiridione Zammit jirriżulta li dan kien sejjaħ lil El Sisi l-għada, jiġifieri fis-7 ta' Novembru 2010. El Sisi qal lill-Ispettur Zammit li l-appellant kien qallu li kien tilef xi *choker* f'xi *ground* il-Belt. El Sisi qallu wkoll li l-appellant kien kelmu fuq xi mara li taħdem il-*Middlesea Insurance*. Kif El Sisi u l-appellant kienu għaddejjin xi mkien il-Belt raw il-karozza ta' din il-mara u l-appellant qallu li hu kien faqgħalha l-erba' tyres u li kellha tixtri erba' ġodda. El Sisi qal li l-appellant kien qallu wkoll li din l-azzjoni kien għamilha minħabba li din il-mara ma kienetx irranġatlu l-*claim* mal-*insurance* u kienet ġejja biż-żifna.

58. L-Ispettur Zammit kien għamel aktar stħarriġ u sab li fil-fatt kien verament sar *claim* mill-appellant mal-*Middlesea Insurance* li huwa kien tilef din ic-*choker*, kif ukoll li l-appellant kien irċieva pagament t'elfejn euro mingħandhom. Apparti minn hekk l-Ispettur Zammit kien ukoll ikkonferma li verament kienet saret il-ħsara mal-vettura ta' Lucienne Cini, iżda ma kienx hemm provi dak iż-żmien dwar min kien għamel dik il-ħsara.

59. L-Ispettur Zammit jgħid ukoll li El Sisi qallu li x'aktarx dik ic-*choker* kienet għadha għand l-appellant u b'hekk indika li l-appellant kien għamel rapport falz lill-Pulizija u lill-assikurazzjoni. Minn hemmhekk jirriżulta li fit-30 ta' Novembru 2010, l-Ispettur Zammit kellem lill-appellant, fost affarijiet oħra, dwar is-suspett li issa kien tnissel fih minħabba din l-istqarrija ta' El Sisi fir-rigward tal-ħsara li

kienet saret fil-vettura ta' Cini f'Awissu ta' dik is-sena kif ukoll dwar il-kwistjoni tal-*insurance*.

60. F'dik l-istqarrija l-appellant ikkonferma li kien għamel ir-rapport mal-Pulizija u l-*claim* mal-*Middlesea Insurance* dwar l-allegat telf jew serq tac-*choker* u li huwa kien tħallas elfejn euro mingħand l-*Insurance* madwar tliet xhur wara li għamel dan il-*claim*. Jikkonferma li huwa kien mar ikellem lil *Middlesea Insurance* diversi drabi u darba minnhom kien mar El Sisi (Said) miegħu. L-appellant pero innega li huwa kien involut fil-ħsara li kienet saret lil vettura ta' Lucienne Cini f'Awissu 2010.

61. Huwa minnu li r-relazzjoni bejn l-appellant u El Sisi hija waħda verament suspettuża, b'mod partikolari fir-rigward ta' dak li El Sisi jgħid li l-appellant kien qallu jew x'verament kien jaf El Sisi fir-rigward tal-appellant. Meta mitkellem mill-Pulizija u b'mod partikolari lil PS100 Terence Azzopardi (u anke kif jirriżulta mir-rapport tal-PIRS datat 6 ta' Novembru 2010),[17] El Sisi jikkonferma li huwa kien sejjer jikxef dak li jgħid li kien qallu tliet xhur l-appellant – jiġifieri li l-appellant kellu ġiżirana tad-deheb li kienet assikurata u li kien sejjer jagħmel rapport li tilifha biex jakkwista xi ħaġa mingħand l-assikurazzjoni.

62. El Sisi jgħid li huwa kien mar mal-appellant l-Għassa tar-Rabat fejn l-appellant kien għamel ir-rapport li kien tilef din il-ġiżirana fil-

[17] Folio 76 tal-atti proċesswali – Dok SZ2.

*ground* tal-football f'Ta' Qali.[18] El Sisi qal ukoll lill-Pulizija li xi xahrejn u nofs qabel, jiġifieri għal ħabta ta' nofs Awissu 2010 l-appellant kien qallu li tal-*insurance* ma kienu se jtuh xejn għax qabduh f'gidba u għalhekk l-appellant kien ftaħar miegħu li kien faqa' l-erba' *tyres* tal-vettura tal-persuna li kienet infurmatu li l-*claim* tiegħu ma ġiex aċċettat u li kienet taħdem mal-*Middlesea Insurance*.

63. El Sisi stqarr mal-PS 100 Azzopardi li kien mar mal-appellant għand l-*Insurance* il-Floriana biex ikellem lil xi ħadd sabiex jirranġalu għall-flus u jpattilu billi jaħseb fih. Dil-persuna kienet qaltlu li kien se jġiblu parti mis-somma. Wara El Sisi kien sar jaf li l-appellant kien irċieiva elfejn euro iżda ma kienx kuntent u kien kellem lill-avukat tiegħu għax kien pretenda li ladarba kien ħa parti mis-somma, kellu wkoll jedd għall-kumplament. PS100 Azzopardi kien reġa kellem lill-appellant wara din id-dikjarazzjoni ta' El Sisi u l-appellant kien stqarr miegħu li dak li qal El Sisi ma kienx minnu.

64. Din il-Qorti rat ukoll li din il-verżjoni ta` fatti kif kontenuta fil-PIRS redatt minn PS100 Azzopardi ma ġietx konfermata integralment minn El Sisi meta huwa irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija fid-9 t'April 2014. F'din l-istqarrija rilaxxjata minn El Sisi lill-Ispettur Joseph Mercieca, El Sisi jgħid li lill-appellant huwa qatt ma heddu b'xejn. Dwar il-ġiżirana kien qallu l-appellant stess x'għamel l-għada tal-logħba.[19] Jgħid li l-appellant kien qallu biex imur miegħu

[18] L-Ispettur Spiridione Zammit jgħid li El Sisi qallu li l-appellant kien qallu li tilef din ic-*choker* f'xi ground il-Belt, u mhux Ta' Qali.
[19] Meta kien kellem lil PS100 Azzopardi fis-6 / 7 ta' Novembru 2010 El Sisi kien stqarr li huwa kien mar mal-appellant l-Għassa tar-Rabat biex l-appellant jagħmel ir-rapport dwar it-telf taċ-choker u mhux li l-appellant kien qallu x'għamel l-għada tal-logħba.

l-*Insurance* biex jagħmel il-claim jew biex jiċċekkja xi ħaġa dwarha. Wara xi żmien l-appellant kien qallu li kien ħa xi elfejn euro taċ-*choker* mill-*Insurance*. El Sisi saħaq li l-appellant lilu qatt ma qabdu biex imur jaħraq xi mkien.

65. F'din l-istqarrija El Sisi jikkonferma li kien l-appellant li kien qallu li kien hemm waħda taħdem mal-*Insurance* li ma kienetx tagħti kasu biex tmexxilu l-karti; l-appellant kien sar jaf x'karozza kellha u faqalha l-erba' *tyres*. L-appellant ma semmilux x'kien jisimha din il-mara. El Sisi jgħid li l-appellant kien qallu li l-appellant kien qabbad lil xi ħadd biex jifqa' dawn l-erba' *tyres*, iżda jgħid li lilu l-appellant ma kienx qallu lil min kien qabbad biex jagħmel dan. Iżid li l-appellant kien jgħidlu b'dawn l-affarijiet għax kellu lsienu twil u biex jitkessaħ. El Sisi jgħid li huwa ma kienx jaf li, xi żmien wara, l-ġiżirana kienet spiċċat f'idejn patri fil-parroċċa tal-Karmelitani fil-Belt. El Sisi qal li huwa jibża' mill-appellant. Huma kienu baqgħu jgħidu saħħa u bonġu lil xulxin biss.

66. El Sisi kien reġa' ġie mitlub jixhed fl-atti tal-inkjesta dwar ħruq ma bieb ta' residenza privata fin-Naxxar fl-24 ta' Jannar 2014 u li kienet tinvolvi lil Patrick Muscat, li kien *Chief Officer Claims* mal-*Middlesea Insurance plc*. Huwa xehed bil-ġurament quddiem l-espert legali Dr. Richard Sladden fit-2 ta' Mejju 2014 fejn huwa kkonferma l-istqarrija mogħtija minnu lill-Pulizija fid-9 t'April 2014. B'żieda ma' din il-konferma huwa qal li l-appellant kien qallu l-għada tal-logħba tal-Belt snin ilu li kien xorob ftit u kien għamel rapport l-Għassa taparsi tilef ġiżirana tad-deheb. Jidhirlu li kien qallu li kien għamel

ir-rapport l-Għassa tar-Rabat. L-appellant kien qallu li għamel hekk biex jieħu l-flus mingħand l-*Insurance* u li ma kienx veru li kien tilef din il-ġiżirana tad-deheb. Wara xi żmien l-appellant kien qallu li rċieva *cheque* ta' elfejn euro iżda ried iżjed flus mingħand l-assikurazzjoni. Kien hemm mara taħdem mal-*Insurance* li ma tantx tat kasu u kien qabbad lil xi ħadd biex iqattgħalha l-erba' *tyres* tal-vettura tagħha. El Sisi jgħid li huwa kien informa lill-*Middlesea* pero ma kienx jiftakar li min kellem. Igħid li kien raġel, u qallu li ma kienx veru li l-appellant kien tilef il-ġiżirana tad-deheb u qallu wkoll li l-appellant kien faqa' l-erba' *tyres* ta' impjegata tagħhom. Ikkonferma li kien jibża' mill-appellant.

67. El Sisi xehed fit-12 ta' Jannar 2015 quddiem il-Qorti. Dakinhar huwa qal li ma kienx qiegħed jiftakar. Biss stqarr li l-appellant kien qallu li kien tilef il-ġiżirana u li għamel rapport fuqha. Dan kien kważi erba' snin qabel. El Sisi qal li l-appellant kien qallu li l-appellant kien qabbad lil xi ħadd jifqa' *tyre* ta' karozza *minħabba l-insurance, xi ħaġa hekk*. Dil-karozza kienet ta xi ħadd mill-*Insurance*. El Sisi insista li huwa ma kienx qiegħed jiftakar. Jgħid li l-appellant kien għamel *statement* il-Fgura u wara El Sisi kien mar jagħmel rapport huwa wkoll. Kien kelmu l-Ispettur Zammit li beda jgħidlu ħafna affarijiet li huwa l-anqas kien jaf bihom u l-Ispettur Zammit beda jgħidlu li El Sisi kien mal-appellant. Biss El Sisi innega li kien mal-appellant. El Sisi jikkonferma li kien qallu *dik tal-gizirana li ghamel rapport* u *dik tal-karozza*.

68. El Sisi reġa nġieb jixhed fl-1 ta' Ġunju 2015. Din id-darba qal li l-Ispettur Zammit kien kelmu u ssikkah, u beda jgħidlu li l-appellant kien qabbdu jagħmel xi ħaġa. El Sisi qallu **<u>dak li kien semgħa</u>** iżda huwa qatt ma kien ra xejn b'għajnejh u l-appellant ma għamel xejn quddiemu. Dan id-diskors ma kienx jiftakar fejn kien intqal. Ir-relazzjoni tiegħu mal-appellant kienet baqgħet saħħa u bonġu.

69. Il-Qorti tal-Maġistrati tirreferi wkoll għal dak li rriżuta mill-investigazzjonijiet ulterjuri magħmula mill-Pulizija kif ukoll mix-xiehda ta' Fr. Martin Schembri – b'mod partikolari dwar il-fatt li Fr. Martin Schembri kien mhux biss kien jaf lill-appellant talli kien ukoll il-konfessur tiegħu. Fr. Schembri stqarr illi fi Frar 2011[20] **<u>persuna</u>** (<u>li huwa ma identifikax minħabba s-sigriet tal-qrar</u>) **<u>kienet ħalliet</u>** il-ġizirana in kwistjoni miegħu fis-sigriet tal-qrar. Fr. Schembri jgħid hekk : - *Jiena min gie jqerr ghandi qalli lil min hadha, ghidtlu tahili u ghaddjetha lil min hadha s'hemmhekk naf biss*.

70. Dan ifisser li jekk dan il-patri jitwemmen, huwa rċieva din il-ġiżirana mingħand terza persuna li kienet qaltlu **<u>li kienet ħaditha</u>** lill-appellant. Din il-persuna tagħthielu fis-sigriet tal-qrar u wara, dan ir-reliġjuż, għadda frettolożament dil-ġiżirana lill-appellant. Fr. Schembri stess kien li kkuntatja lill-appellant għal dan il-fini għax ried jeħles minn din il-ġiżirana mill-aktar fis. Din il-verżjoni ta' dan il-patri ssaħħaħ idejn id-Difiża fl-argument li l-appellant

[20] u ċioe wara r-rapport illi l-appellant għamel kontra El Sisy f'Novembru ta' qabel u disgħa xhur wara l-ewwel rapport dwar it-telfa tal-istess ġiżirana mill-appellant stess.

kien jew tilef dil-ġiżirana l-*ground* ta' Ta Qali jew serquhielu peress li kien xurban.

71. Mhux kontestat li l-appellant kien tħallas elfejn euro (€2000) mill-*Middlesea Insurance plc* b'pagament *ex gratia* li seħħ fis-6 t'Ottubru 2010.[21] L-anqas huwa kontestat li l-appellant ma kienx informa lil din l-Assikurazzjoni li fil-fatt din il-ġiżirana kienet ġiet ritornata lilu minn Fr. Schembri. Biss mill-PIRS a fol 55 u mix-xiehda ta' WPC19 jirriżulta li wara li l-kien irċieva din il-ġiżirana lura mingħand Fr. Schembri, l-appellant kien mar jagħmel rapport mal-Pulizija fejn infurmahom li kien irċeviha mingħand Fr. Martin Schembri fil-5 ta' Frar 2011. Imbagħad l-elfejn euro (€2000) ġew ritornati lill-Assikurazzjoni wara li l-appellant ġie mitkellem mill-Pulizija dwarhom.

72. F'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati ibbażat is-sejbien ta' ħtija fl-appellant prinċipalment fuq il-bażi ta' provi ċirkostanzjali – ossija fuq dak rakkuntat minn Patrick Muscat u Lucienne Cini – u b'mod partikolari dik ir-rabta li kienet torbothom mal-appellant – ossija l-*claim* tiegħu dwar it-telfien taċ-*choker* li ma ġietx onorata skont kif xtaq hu, marbuta mal-allegati theddid u eventwali vendikazzjonijiet li huma ssubew fuq proprjetajiet tagħhom.

73. Lucienne Cini issubiet il-ħsara fil-vettura tagħha fis-17 t'Awissu 2010 u din kienet konsistenti fi brix fil-karozza u fi tliet *tyres* imqattgħin. Patrick Muscat jgħid li għall-ħabta ta' nofs is-sena 2013

---

[21] Ara xiehda ta' Patrick Muscat a fol 37.

huwa beda jiġi offiż mill-appellant kull darba li jarah Putirjal u fl-2014 sab li kellu l-erba' *tyres* tal-karozza tiegħu imqattgħin, kif ukoll kellu l-bieb ta' barra tal-komun maħruq.

74. Irid jingħad li għalkemm verament ċirkostanzi suspettużi ħafna, dawn l-inċidenti ma jistgħux jitqiesu bħala evidenza ċirkostanzjali univoka li tipponta biss u esklussivament lejn l-appellant bħala dak li, mingħajr dubju dettat mir-raġuni, wettaq dawn l-atti ta' ħsara volontarja kontra l-proprjeta ta' Cini u Muscat – bl-ewwel inċident iseħħ fl-2010 u t-tieni inċident fl-2013. Biss biss hemm spazju ta' tliet snin bejn inċident u ieħor. Tant hu hekk li l-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant mhux ħati li kkaġuna l-ħsara volontarja fuq il-vettura ta' Lucienne Cini – minkejja dik l-evidenza ċirkostanzjali kollha. Il-Qorti tal-Maġistrati illiberat lill-appellant minn din l-imputazzjoni minkejja li ġie pruvat li Lucienne Cini kienet sofriet din il-ħsara. Ir-raġuni kienet li filwaqt li El Sisi ikkonferma l-istqarrija li rrilaxxja bil-ġurament u fiha "*sostna li l-appellant stqarr mieghu li qabbad lil xi hadd biex jifqalgha t-tyres, tali prova ma twassalx sal-livell ta' prova rikjest mill-ligi dwar dan aktar u aktar meta l-kredibbilita' tax-xhud mressaq hija dubjuza*".

75. Din il-Qorti rat safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħet tqis din ix-xiehda ta' El Sisi. Fil-fatt li kieku x-xiehda ta' El Sisi kienet meqjusa li setgħet titwemmen minn dik il-Qorti, allura dik il-Qorti setgħet issib lill-appellant ħati. Iżda l-Qorti tal-Maġistrati qieset li x-xiehda ta' El Sisi **<u>kienet ta' kredibbilita dubbjuża</u>**. Anke din il-Qorti għandha ċerti riżervi dwar dak li ntqal minn El Sisi u dwar il-mod

ta' kif huwa setgħa sar jaf ċerti affarijiet li kienu jolqtu lill-appellant u l-inċidenti li seħħew.

76. Biss din il-Qorti hija qorti ta' reviżjoni u hija marbuta bil-proċedura dwar xi provi jistgħu jiġu ritenuti ammissibbli u rilevanti f'azzjoni penali. Ix-xiehda ta' El Sisi *viva voce* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kienet pratikament inutli għas-soluzzjoni tal-vertenza. Kif qalet il-Qorti tal-Maġistrati huwa kien retiċenti u dik il-Qorti qieset dak li qal bħala li kien ta' **kredibbilta' dubbjuża**.

77. Iżda apparti minn hekk, dik il-Qorti għamlet riferenza għax-xiehda t'El Sisi mogħtija matul il-kors tal-inkjesta imsemmija aktar il-fuq. Huwa ikkonferma staqarrija li kien offra lil Pulizija f'April 2014 u żied xi ftit dettalji magħha. Irrispettivament jekk din ix-xiehda ta' El Sisi hix kredibbli jew le, hemm ostakolu proċedurali li kien jirrendi din ix-xiehda inammissibbli minħabba l-mod li biha ġiet meħuda. Ix-xiehda ta' El Sisi matul l-inkjesta ma tteħditx mill-Maġistrat Inkwirenti direttament iżda ġiet delegata lil Avukat. B'digriet datat 22 t'April 2014 ġie maħtur l-Avukat Richard Sladden sabiex jiġbor ix-xiehda ta' Patrick Muscat u Elsayed Abdel Salim El Sisy. Din ir-relazzjoni ġiet maħlufa fil-15 ta' Mejju 2014. Biss il-Maġistrat Inkwirenti kien prekluż milli jiġbor dik ix-xiehda b'dik il-modalita in kwantu l-artikolu 548 tal-Kodiċi Kriminali kif kien dak iż-żmien, kellu t-tielet proviso tiegħu, li kien jgħid hekk :

> Iżda wkoll, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 552(2), ebda espert ma għandu jinħatar biss sabiex jisma' x-xhieda bil-ġurament u jieħu x-xiehda tagħhom bil-miktub u jistabbilixxi l-fatti rilevanti.

78. Jirriżulta li l-inkarigu tal-Avukat de quo kien preċiżament dak li jisma' x-xiehda bil-ġurament u xejn aktar. Dan ma setgħax isir skont dik il-Liġi u b'hekk dik ix-xiehda kellha tiġi skartata in kwantu mhux meħuda skont il-Liġi.

79. Biss anke jekk din ix-xiehda kellha tiġi, biss *gratia argomenti*, ammessa, xorta waħda l-Qorti tal-Maġistrati esprimiet id-dubji tagħha dwar kemm dik ix-xiehda kienet setgħet titwemmen. Il-Qorti tal-Maġistrati ma għamlitx riżervi dwar liema fatti El Sisi setgħa jitwemmen dwarhom u liema le. Il-kumment li għamlet fil-konfront ta' dan ix-xhud kien wieħed ġeneriku. Dik il-Qorti ma ħassitx li setgħet temmen lil dan ix-xhud.

80. Il-problema li tirriskontra din il-Qorti f'dan il-każ hija li meta l-Qorti tal-Maġistrati ġiet biex tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar il-kredibbilta' tax-xhud El Sisi, hija, bl-aktar mod ċar, ma qiesetx lil dan ix-xhud bħala wieħed kredibbli. Anzi meta kienet qegħda titratta l-ewwel imputazzjoni tgħid li dan ix-xhud kien retiċenti biex jixhed u meta kienet qegħda titratta t-tieni imputazzjoni, il-Qorti kjarament ma emnitx lil dan ix-xhud tant li l-istess Qorti rrimarkat li l-kredibbilta' ta dan ix-xhud hija dubjuża u illiberat lill-appellant mit-tieni imputazzjoni. Din il-Qorti, bħala qorti ta' reviżjoni, trid tagħti l-piż xieraq lill-evalwazzjoni li tkun qegħda tagħmel il-Qorti tal-Maġistrati fir-rigward tal-kredibbilita o meno ta' xhud. Dan peress li, kif intqal fis-sentenza Baldacchino msemmija aktar il-fuq, dik il-Qorti tkun fl-aħjar qagħda li tevalwa l-kredibbilita tax-xiehda li tara u tisma' quddiemha. Il-ġudizzju ta' dik il-Qorti dwar il-

kredibbilita ta' xhud għandu piż kbir u ma jistax jiġi skartat mingħajr raġuni impellenti.

81. Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-Qorti tal-Maġistrati ma qaletx jekk kienetx qegħda temmen lil El Sisi jew le, jew jekk kienx jidher kredibbli f'dak li kien qiegħed jgħid. Tirrimarka li kien retiċenti biex jixhed dwar dik l-imputazzjoni. Verament li xhud tista' temnu f'kollox, f'parti minn dak li jgħid jew tista' anke ma temnu f'xejn. Iżda f'kull każ, il-Qorti għandha tkun ċara dwar fejn tkun qegħda temmen xhud u fejn ma tkunx qegħda temnu. F'dan il-każ mhux ċar jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati kienet qegħda temmen lil dan ix-xhud El Sisi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

82. Żgur li ma emnitux fir-rigward tat-tieni imputazzjoni meta hija għaddiet il-kumment ġeneriku dwar id-dubbju li kellha fuq il-kredibbilita tiegħu. Dan huwa dettall importanti għaliex il-verżjoni li El Sisi jagħti fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni dejjem ingħataw flimkien u fl-istess kuntest kemm meta huwa rrilaxxja l-istqarrija mal-Pulizija u wkoll wara li kkonfermaha bil-ġurament waqt l-inkjesta – u dan mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni tal-ammissibbilta ta' din ix-xiehda fl-inkjesta għar-raġuni imsemmija aktar il-fuq. Il-kumment dwar il-kredibbilita dubbjuża ta' dan ix-xhud mill-Qorti tal-Maġistrati kienet waħda li **tolqot il-kredibbilita tiegħu b'mod ġenerali u mhux b'mod speċifiku għal xi fatt jew imputazzjoni partikolari**.

83.Illi dan għandu impatt fuq x'konklużjoni dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għaliha fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni. Li kieku l-verżjoni ta' El Sisi kienet ritenibbli kredibbli mill-Qorti tal-Maġistrati, kienet evidenza tali li bis-saħħa tagħha kienet tkun dik ix-xiehda li tagħlaq iċ-ċirku tar-responsabbilta tal-appellant fir-rigward tal-atti frawdolenti li bihom ġie mixli f'dan il-każ. Ix-xiehda ta' Patrick Muscat u Lucienne Cini u l-evidenza ċirkostanzjali fir-rigward tal-problemi li huma kellhom fir-rigward tal-*claim* li kien għamel l-appellant u l-eventwali vendikazzjonijiet subiti minnhom fuq proprjetajiet tagħhom *per se* ma humiex provi biżżejjed b'saħħithom biex jippruvaw l-element materjali u formali tar-reat ta' truffa jew frode innominata. Il-provi ċirkostanzjali f'dan il-każ ma humiex univoċi; u **<u>mingħajr</u>** ix-xiehda t'El Sisi **<u>dwar dak li jgħid li semgħa lill-appellant jgħid</u>**, ma humiex provi biżżejjed biex il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tgħid issib ħtija fl-appellant fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni. Iżda allura jekk dik il-Qorti rriteniet lil El Sisi bħala ġenerikament inattendibbli f'dak li xehed, kemm setgħet dik il-Qorti tattribwixxi saħħa lil dak li qal b'mod li tkun tista' ssawwar sejbien ta' ħtija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni?

84.Minbarra dan, dik il-Qorti qieset il-komportament tal-appellant fiċ-ċirkostanzi li rriżultaw **<u>wara</u>** li huwa kien irraporta t-telf ta' din il-ġiżirana, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li jiċċirkondaw ir-ritorn lura tagħha lilu tramite Fr. Schembri. Dik il-Qorti qieset ukoll il-fatt li l-appellant kien jaf sew lil Fr. Schembri. Fr. Martin Schembri jixhed

li l-ġiżirana kienet tathielu persuna oħra li kien ħadha lill-appellant. Din il-verżjoni tiġi li ssaħħaħ dak li qal l-appellant ċjoe li setgħa kien li seraqielu xi ħadd. Verament li huwa inkredibbli kif din il-ġiżirana kellha tispiċċa f'idejn il-konfessur tal-appellant madwar erba' xhur wara li l-appellant kien inkassa l-elfejn euro (€2000) kumpens mingħand l-assikurazzjoni. Iżda Fr. Schembri ma jgħidx biss li din il-ġiżirana ġiet mogħtija lilu minn persuna li sabitha biex tiġi ritornata lura lil sidha. Fr. Schembri jżid dettall – ċjoe li din il-ġiżirana ġiet mogħtija lilu minn persuna li **ħaditha** lill-appellant.

85.Jiġifieri fl-aħħar mill-aħħar l-anqas din il-prova ta' kumbinazzjoni bħal din ma tista' titqies prova ċirkostanzjali tali li ssaħħaħ it-teżi tal-Prosekuzzjoni. Anzi, jekk xejn, iddaħħal id-dubju dwar jekk, fl-aħħar mill-aħħar, l-appellant kienx verament qiegħed jgħid is-sewwa li fil-fatt xi ħadd ħadhielu waqt li kien xurban.

86.M'hemm l-ebda dubbju li l-komportament tal-appellant **wara** li rċieva l-ġiżirana mingħand Fr. Schembri fil-bidu tas-sena 2011 ma kienx sew dan għaliex huwa ma nfurmax lill-Assikurazzjoni bil-fatt li kien irċieva l-ġiżirana mingħand il-patri. Il-Qorti għandha wkoll id-dubbji tagħha dwar id-dinamika ta' kif il-ġiżirana ġiet ritornata għand l-appellant tramite Fr. Schembri. Iżda x-xiehda ta' Fr. Martin Schembri spiċċat biex dgħajfet it-teżi tal-Prosekuzzjoni li l-appellant kellu l-intenzjoni li jiddefrawda lill-assikurazzjoni mill-mument li huwa kien għamel ir-rapport mal-Pulizija li kienet intilfitlu jew insterqitlu l-ġiżirana sa' meta seħħ it-telf partimonjali lill-Assikurazzjoni. Anzi jekk xejn l-appellant, għalkemm naqas milli

jinforma lill-Assikurazzjoni li kien irċieva l-ġiżirana mingħand il-patri, huwa ma żammx dan il-fatt mistur minn kulħadd – liema eventwalita kienet tiftaħ xenarju aktar favorevoli għat-teżi tal-Prosekuzzjoni. Għall-kuntrarju, għalkemm l-appellant ma nfurmax lill-Assikurazzjoni, mill-PIRS a fol 55 u mix-xiehda ta' WPC19 jirriżulta li wara li l-kien irċieva din il-ġiżirana lura mingħand Fr. Schembri, l-appellant kien mar jagħmel rapport mal-Pulizija fejn infurmahom li kien irċeviha mingħand Fr. Martin Schembri fil-5 ta' Frar 2011. Din l-informazzjoni mogħtija lill-Pulizija turi li l-appellant ma żammx mistur il-fatt li huwa kien ħa lura l-ġiżirana mingħand il-patri – wara li huwa kien irċieva l-elfejn euro kumpens *ad hoc*. Imbagħad wara dak espost, huwa kien kostrett li jħallas lura lill-Assikurazzjoni l-elfejn euro li rċieva.

87. In bażi għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq, din il-Qorti tqis illi kien jeżisti dak id-dubbju raġonevoli f'dan il-każ, li minħabba fih is-sejbien ta' ħtija ma jistax jitqies *safe and satisfactory*.

# *Deċide*

Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell, u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha mill-ġdid f'dik il-parti fejn illiberat lill-imputat tat-tieni mputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, tħassar dik il-parti fejn sabitu ħati tal-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjoni relattivament bħala reċidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali

u minflok, għall-motivi premessi, tiddikjarah mhux ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet u b'hekk tilliberah minn kull ħtija, piena u konsegwenzi.

***Aaron Bugeja***
***Imħallef***